MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru 1087/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**

**vs**

**Mohamed Mohamed Abusetta**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mohamed Mohamed Abusetta ta’ 26 sena imwieled Tripoli fil-5 ta’ Frar 1979 iben Mohamed u Aisha u detentur ta’ passaport Libjan 951690 mahrug fid-19 ta’ Marzu 1998 Haj El Andalus Tripoli Libja gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ dawn il-Gzejjer fix-xahar ta’ Ottubru 2000, u fix-xahar ta’ Gunju 2004:
a) Ta’ x-xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena aktar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata,

b) Halef falz quddiem Magistrat,

c) Bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza li jkun jista’ ‘il quddiem jiswa bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’ hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta’ Frar 2007 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 104, 105, 108, 109, 110 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta’ Gunju 2008 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2008 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Wara li rat l-Artikoli kollha tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu u l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------